# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**(GIA' QORTI TAL-KUMMERC)**

**IMHALLEF**

**ONOR.JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 16 ta' April, 1999**

**Numru 2**

**Citaz. numru 999/89 F (K) CIV**

**Joseph Mifsud bhala prokuratur specjali tas-socjeta' estera Valsystem JRL'**

**vs**

**Sydney Ellul Sullivan bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali 'Sesco Trading Limited'**

**Il-Qorti,**

Rat ic-Citazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u moghtija kull provvediment opportun.

Premess illi s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta merkanzija fl-ammont ta' ghoxrin elf lira disa' mija u sittax-il lira taljani (LIT20,916,000);

Premess illi ghalkemm interpellata ghall-hlas s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Talab il-konvenut Sydney Ellul Sullivan nomine ghaliex:

1. din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine is-somma ekwivalenti ghas-somma ta' Lm6355.14c (LIT 20,916,000) bilanc ta' prezz ta' merkanzija konsenjata lilha.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datat ta' Awissu 1989 u bl-imghax mid-data tal-konsenji bil-merkanzija sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenut nomine.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza, senjatament il-provvediment taghha datat it-12 ta' Mejju 1992 (Fol 26 - 28 tal-process) fejn laqghet talba tal-attur nomine ghall-korrezzjoni fl-att tac-citazzjoni u dan billi flimkien mac-cifra f'valuta estera Taljana, giet moghtija l-fakolta' biex jigi muri ukoll l-ekwivalenti f'lira Maltija;

Trattata l-kawza;

Illi gja' nghad li kwantu ghall-ewwel eccezzjoni l-Qorti tat il-fakolta' biex tigi mizjuda cifra f'liri maltin ekwivalenti ghal dak li talab l-attur nomine

f'valunta estera. L-attur nomine di fatti qed jitlob hlas ta' kreditu li jghid li huwa dovut lilu in konnessjoni ma' merkanzija - konsistenti fi zraben li biegh u kkonsenja lill-konvenut nomine u li jghid li din b'kollox kienet tiswa Lm6,355.14c (sitt elef tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltija u erbatax-il centezmu).

Il-konvenut nomine ulterjorment eccepixxa il-preskrizzjoni skond l-art. 2148 (b) tal-Kodici Civili. FL-istess waqt pero' huwa jikkontesta wkoll il-meritu billi jghid li l-merkanzija ma kienetx fil-kwalita' pattwita. Meta tela' jixhed il-konvenut noe stqarr mhux biss li l-merkanzija tassew irceviha imma ukoll li ma hallasx taghha. Dan kollu jfisser li kull argoment dwar preskrizzjoni o meno gie mxejjen mill-konvenut nomine ghax parti ma tistax tghid li debitu huwa preskritt biz-zmien u fl-istess waqt targomenta li r-raguni l-ghala ma hallsitx kienet dik li l-merkanzija lilha konsenjata kienet kollha difettuza jew mhux tal-kwalita' pattwita.

Fil- meritu, jirrizulta ibda biex li l-attur nomine jirraprezenta validament, minn punto di vista legali, lis-socjeta' attrici, kif jidher mid-dokumenti li gew esebiti hemm mal-att tac-citazzjoni kif ukoll fil-mori tal-kawza. Lanqas ma jidher li l-kontroparti baqghet tishaq fuq dina l-eccezzjoni dwar nuqqas ta' prova dwar rapprezentanza guridika. Bl-istess mod lanqas jidher li hemm xi eccezzjoni specifika jew diretta dwar il-quantum tas-sorte li ntlalab mill-attur nomine. Minn barra dan, aktar u aktar bl-ahhar emendi fil-ligi tal-procedura, jidher li s-socjeta' konvenuta giet imharka validament u ma ngiebet ebda prova kuntrarja mill-konvenut nomine dwar it-tieni eccezzjoni taghha.

Il-konvenut Sydney Ellul Sullivan xehed fis-sens li ghalkemm huwa rcieva l-merkanzija ordnata minnu, huwa sabha difettuza; bil-gilda taz-

zraben titlef lewna ghax marida jew affetta b'xi difett; bil-pettijiet taz-zraben jinfethu mill-kolla, zraben spareggjati ecc. Madanakollu ex admissis jirrzulta li kulma ghamel il-konvenut nomine kien li jinforma lis-socjeta' attrici biex tigi tispezzjona dina l-merkanzija. Jghid li din ma baghtet lil hadd u allura huwa baqa' jzomm ghandu din il-merkanzija sakemm spiccat biex insterqet mill-pussess tieghu minn terzi injoti. Huwa ma hallas xejn taghha u lanqas ipprova jiddepizitaha. Ma ha ebda passi gudizzjarji kontra s-socjeta' attrici. Lanqas biss jirrizulta li ghamel xi forma ta' protesta formali bil-Qorti. Min naha l-ohra mbaghad hemm il-verzjoni tal-attur nomine li l-merkanzija giet mghoddija lis-socjeta' konvenuta - hekk ara l-fatturi dettaljati esebiti bhala Dok A u Dok B a fol 4 u 5 tal-process - u li taghhom huwa baqa' ma rcieva ebda pagament minghand il-konvenut nomine.

Mis-suespost ghandu jirrizulta sufficjentement evidenti li t-talba attrici ghall-ammont ta' Lm6,355.14 ghandha tigi akkolta ghax hija fondata.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut nomine, kemm dawk originali kif ukoll dawk ulterjuri, kompriza l-eccezzjoni dwar in-nullita' tal-att tac-citazzjoni u tal-preskrizzjoni, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna ghalhekk lill konvenut nomine biex ihallas lill-attur nomine s-somma ta' sitt elef tliet mija u hamsa u hamsin lira maltija u erbatax-il centezmu (Lm6,355.14c) flimkien mal-interessi legali kif mitlub sal-pagament effettiv, kif ukoll li jhallas (i.e. il-konvenut nomine) il-kap ta' l-ispejjez.

Onor Joseph A. Filletti Deputat Registratur